# L-AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA S. PAWL APPOSTLU - MALTA No. 143 Marzu 2009




Dan il-Kurċifiss
ta' l-injam
jinsab fil-
Bażilika ta' S. Pawl
*fuori le Mura* - Ruma
u
jingħad li kien kellem
lil S. Briġida ta'
Svezja,
Huwa nħadem
minn T. da Camaino.

" Kunu, mela,
ixbhu lil Alla,
bħala wlied maħbuba,
u
imxu fl-imħabba,
bħalma
Kristu wkoll ħabb lilna
u
ta lilu nnifsu għalina,
offerta u sagrifiċċju
jfuħu
quddiem Alla "

Ef. 5 : 1 - 2



**CAPITULUM GENERALE OFM**

Portiunculæ (S. Mariæ Angelorum) 24.V.2009 - 20.VI.2009

GENERAL CHAPTER - CAPITOLO GENERALE - CAPÍTULO GENERAL

*Verbum Domini nuntiantes in universo mundo*

1209 2009

## *Aktar tagħrif dwar il-Bażilika ta' S. Pawl fuori le Mura ( 4 )*

Fil-fetħa ta' wara l-altar papali, fin-naħa tal-lemin, insibu altar iddedikat lil Konverżjoni ta' S.Pawl. Il-kwadru huwa xogħol ta' V. Comuccini u fil-ġub hemm l-istatwi ta' S. Girgor u S. Benard. Wara hemm il-kappella ta' S. Stiefnu, fejn inisbu statwa tiegħu skolpita fl-irħam, xogħol ta' R. Rinaldi.



Ħdejha hemm il-kappella tas-SS.mu Sagrament ( qabel kienet tal-Kurċifiss), mibnija mill-ġdid fuq xewqa ta' Benedittu XIII fl-1725. Hemm insibu kurċifiss ta' l-injam, xogħol ta' T. da Camiano. Jingħad li S. Brigida ta' Svezja, fl-1370, semgħetu jkellimha. Taħtu hemm mużajk tat-13 il-seklu, li juri lil Madonna bil-Bambin. Quddiem din x-xbieha, S. Injazju ta' Loyola, flimkien ma' l-ewwel sħabu, kienu għamlu l-ewwel wegħdiet tagħhom fit-22 t' Awwissu 1541.



Fuq in-naħa tax-xellug, insibu l-kappella ta' S. Lawrenz, li saret fuq disinn ta' C. Maderno fl-1629. L-affreski huma ta' A. Viligiardi, imma qabel kien hemm dawk ta' G. Lanfranco, li jintilfu. Ħdejha hemm il-kappella ta' S. Benedittu, fejn insibu statwa tal-qaddis li turih bil-qiegħda, xogħol ta' P. Tenarani. Il-fonti tal-ilma mbierek huwa xogħol sabiħ ta' P. Galli. Il-mużajk, li juri lil Marija nkurunata, huwa kopja ta' l-original ta' G. Pippi, magħruf bħala G. Romano, u G. Penni , magħruf bħala 'il Fattore', li jinsab fil-*Pinoteca Vaticana*. Ħdejh hemm 2 statwi ta' S. Benedittu u oħtu S. Skolastika.



Il-battisterju huwa xogħol ta' A. Foschini u f' kappella fil-viċin hemm il-qabar ta' L. Poletti. Insibu wkoll blandun kbir, li hu għoli 5m. Dan ġie skolpit fl-1170 minn N. d'Angelo u P. Vassalletto. Huwa maqsum f' 7 biċċiet li, fost l-oħrajn, juru xeni mill-passjoni, l- mewt, l-qawmien u t- tlugħ ta' Ġesu'.



L-ewwel kampnar tal-XI il-seklu kien waqa' fit-terremot ta' l-1348. L. Poletti bena dan il-kampnar ( magħruf bħala il-*Faro*) bejn l-1840 u l 1860. Jixxbah lil qabar Ruman, li jinsab f' Nofs in-Nhar ta' Franza u hu għoli 65 m , b' 5 sulari. L-uċuh ta' l-arloġġ, fit-tieni livell, saru minn M. Trevellini fl-1863. L-aħħar tlett sulari għandhom dawn il-forom (minn isfel għal fuq ) kwadru, *octagon* u ċirku. Il-kolonni huma : doriċi, ioniċi u korinzi.



Hemm 7 qniepen fil-kampnar. Mill-knisja l-qadima Poletti poġġa 4. Kien imbgħad l-B. Papa Gwanni XXIII li żiedhom għal 7. Il-kbira jisimha ' Pierpaola'. Fid-dħul tan-naħa tat-tramuntana hemm il-Portiku Gregorjan għaliex kien inbena, taħt il-Papa Girgor XVI, minn L. Poletti. Il-kolonni kienu ntużaw diġa' fil-knisja l-qadima. Fuq waħda minhom hemm imnaqqax ' *Siricus episcopus'* - li kien it-tieni Papa li kkonsagrha

# UN SEGNO LUMINOSO




*Nota ta' l-Editur* : Qed inġiebu t-tieni parti mit-taħdita li għamel in-Nunzju Appostoliku, Mons. Tommaso Caputo nhar t-28 ta' Novembru 2008. L-ewwel parti dehret fil-ħarġa ta' Frar 2009 f' paġni 5-6.

Questo desiderio di Francesco di sentire "*nel cuore, quanto e' possibile, quell' eccesivio amore del quale tu, figlio di dio, eri acceso a sostenere volientieri tanta passione per noi peccatori",* cioe' di *diventare un altro piccoli Gesu'*, e' un punto incandescente della verita cristiana sperimentata nella vita, da cui si sprigiona ogni novita' a livello personale, ecclesiale, culturale e sociale. *E' questa*, direbbe Papa Benedetto XVI, *la formula della " novita'" cristiana chiamata a trasformare il mondo.*

E' infatti questo un tema che ritorna negli scritti del teologo Joseph Ratzinger e che Papa Benedetto XVI ha ripreso nel discorso al IV Congresso della Chiesa Italiana ( Verona, 16-20 ottobre 2006), Dove ha centrato tutto sulla risurezzione di Gesu' : "*La risurrezione di Gesu e' la piu' grande "mutazione" mai accaduta, il salto decisivo verso una dimensione di vita profondamente nuova, l'ingresso in un ordine decisamente diverso, che riguarda anzitutto Gesu, ma con Lui anche noi, tutta la famiglia umana, la storia e l'intero universo …...tutto cio' avviene concretamente attraverso la vita e la testimonianza della Chiesa; anzi, la Chiesa ccstituisce la primizia di questa trasformazione, che e' opera di Dio e non nostra.. E' cio' che rivela San Paolo nella Lettera ai Galati: " Non sono piu' io che vivo, ma Cristo vive in me" (* 2,20). *E' stata cambiata -* commenta il Papa — *la mia identita' essenziale, tramite il battesimo, e io continuo ad esistere soltanto in questo cambiamento. Il mio proprio io mi viene tolto e viene inserito in un nuovo soggetto piu' grande nel quale il mio io c'e' di nuovo, ma trasformato, purificato, "aperto" mediante l'inserimento nell' altro, nel quale acquista il suo nuovo spazio di esistenza. Diventiamo cosi " uno in Cristo Gesu' (Gal.3,28), un unico soggetto nuovo, e il nostro io viene liberato dal suo isolamento. "Io, ma non piu' io": e' questa la formula dell' esistenza cristiana fondata nel Battesimo, la formula della risurrezione dentro al tempo, <u>la formula della "novita" cristiana chiamata trasformare il mondo".</u>*

E' la novita della fede cristiana. E', da duemila anni, la risposta pertinente e incisiva alle formidabili questioni che investono l'esistenza umana nel mondo, a livello personale, sociale e globale. E' la cultura della risurrezzione. Francesco lo ha capito, ne e' stato affascinato, lo ha messo in pratica, lo ha trasmesso a voi. E' il vostro contributo a Malta oggi;a Malta con le sue bellezze e con i travagli che che vengono da un mondo secolarizzato. Il mio auguro e la mia pregheria e' che la vostra vita consacrata costituisca un segno luminoso della comune vocazione alla santita', un modello da cui prendere ispirazione e coraggio, un appello alla riforma continua della Chiesa, una presenza che attragga tanti giovani, sulla scia di Francesco e Chiara d' Assisi, a seguire Gesu', Parola che non passa.''

# Fejn sejjer
# l- Ordni Frangiskan ???



Intervista li saret lill-Ministru Ġeneral
Jose Rodriguez Carballo O.F.M.

Qed inġiebu t-traduzzjoni tagħha, li l-original tagħha deher bit-Taljan fir-rivista *Missioni francescane* ta' Jannar 2009 f' paġni 19-21.

*Din is-sena l' Ordni Franġiskan jgħalaq 800 sena. Kif il-patrijiet qegħdin jippreparaw ruħhom għal dan l-avveniment ?*

Nemmen li l-Ordni tagħna f' dawn l-aħħar snin qiegħed iħossu Ordni li jinsab f' mixja, kif ried S. Franġisk. F' din il-mixja, aħna konvinti li l-Mulej qed ikellimna u jgħidilna biex nerġgħu mmorru lura lejn l-essenzjalita' ta' l-esperjenza tal-fidi, għall-egħruq ta' l-ispiritwalita' franġiskana. Biex b' hekk ħajjietna jkollha aktar sens u fl-istess waqt oħrajn jitħajru għaliha. B' dan il-mod, il-missjoni tagħna tkun tixbaħ lil dik, li Franġisku ried li aħna ngħixu.

*Illum, liema sinjal profetiku tara fl-Ordni tagħna ?*

Nara ħafna sinjali profetiċi. Wieħed minnhom huwa l-ħajja fil-fraternita' b' kuntrast ma' dak li tgħex id-dinja tallum. Qed ngħexu f' dinja maqsuma, fejn qed nitkellmu minn għaqda. Imma r-realta' qed turina l-kuntrarju ta' dan, għax hawn bosta qsim fiha.
Sinjal ieħor profetiku li nixtieq inttih importanza huwa l-interess tal-patrijiet fl-ispirtu tat-talb u d-devozzjoni. Nemmen li l-bniedem tal-lum għandu bżonn ta' persuni, f' dan il-kaz ta' patrijiet u sorijiet, li jkunu sinjal ta' traxxendenza.
Sinjal profetiku ieħor huwa l-ħarsien, kif għamel San Franġisk, fil-bidu tal-konverzjoni tiegħu, tal-imġiddmin tallum: iż-żgħar, l-emarginati, dawk li jħossuhom mwarrba u jħossuhom minuri qalb il-minuri.

*Hemm qasma li qed isir aktar profonda bejn il-Tramuntana u n-Nofs in-Nhar tad-dinja. X' kontribut jistgħu jagħtu l-Fanġiskani quddiem dan il-fatt ?*

Aħna ma nistgħux insolvu din il-qasma. Imma nistgħu nkunu ħmira għas-soċjeta' ġdida li fiha kulħadd jirispetta lil kulħadd, fejn id-drittijiet tal-minoranzi jiġu mħarsa mhux biss fil-livell ta' prinċipji imma wkoll fil-ħajja ta' kuljum. F' dan is-sens nemmen li ħidmietna b' risq il-ġustizzja u l-paċi, mingħajr ma ninsew l-ħarsien ta' l-ambjent, jista' jgħen biex titnaqqas l-firda li hemm bejn it-Tramuntana u n-Nofs in-Nhar tad-dinja, bejn is-sinjuri u l-foqra.

>>>>>>>>>

*Suġġett ieħor tant jgħaraq huwa d-djalogu/ nuqqas ta' qbil bejn il-kulturi u l-bosta reliġjonijiet. Il-Franġiskani dejjem fittexew t-triq tad-djalogu. Dan illum kif jista' jitwettaq ?*

Nixtieq nuri l-aspett tad-djalogu bejn ir-religjonijiet u l-importanza tad-djalogu tal-ħajja. F' dan is-sens mod spontanju jiġini quddiem għajnejja l-presenza tagħna ġewwa l-Art Imqaddsa fejn għandna skejjel miftuħin għal kulħadd u l-aktar li jattendu, huma l-istudenti Musulmani.
Il-ħsieb tiegħi jmur għall-aħwa li qed jgħexu fil-Marokk, fejn qed jaħdmu flimkien ma' nies ta' fidi islamika. L-istess sitwazzjoni hija ta' dawk li qed jgħexu aktar ' il bogħod, fl-Indonesja u l-Pakistan.
Imma d-djalogu ma jieqafx biss mal-Musulmani. Hemm ukoll id-djalogu mar-reliġjonijiet orjentali, bħal dak li qed isir ġewwa l-Korea. Jiena nemmen li sa' mill-bidu l-franġiskanezimu pprova jfittex fil-bosta kulturi ż-żerriegħa tal-Verb. Sinjali mħobbija imma jistgħu jħallu l-frott. Hemm bżonn li wieħed jara kif l - ewwel missjunarji li waslu l-Amerika, bħala eżempju, saru ħaġa waħda mar-realtajiet li sabu hemm.

**N.B.** It-tieni parti ta' din l-intervista se tidher fil-ħarġa li jmiss.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++



**5**
**0**

**S**
**E**
**N**
**A**



## Fl-14 ta' Marzu P. Guzepp Vella O.F.M. u P. Alfred Tabone O.F.M. se jfakkru l-anniversarju saċerdotali tagħhom – nitolbu għalihom

Nawguraw lill-aħwa kollha li, f' dan iż-żmien tar-Randan Imqaddes, se jipprietkaw l-Eżerċizzi Mqaddsa jew jmexxu xi irtir.
Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex jimliehom bil-grazzja u bil-ħeġġa ħalli jxandru l-Kelma t' Alla.



# Forom ġodda ta' Evanġelizzazzjoni



*Rapport minn P. George Bugeja O.F.M.*

P. George, responsabbli mill-Evanġelizzazzjoni u l-Missjonijiet tal-Provinċja, bejn is-7 u l-10 ta' Jannar, attenda *semina*r ġewwa ċ-Ċentru tal-Formazzjoni mmexxi mil-Patrijiet Kappuċini ġewwa Frascati. Is-*seminar* ġie organnizat mis-Segretarjat ta' l-Evanġelizzazzjoni u l-Missjonijiet ta' l- Ordni u s-suġġett kien - ' *New Franciscan journeys in Europe*'.

L-għan ta' dan is-*seminar* kien biex ippromovi mument ta' analizi fil-fond tal-forom ġodda ta' evanġelizzazzjoni u jwaqqaf xibka ta' komunikazzjonijiet u kolloaborazzjoni bejn dawk il-fraternitajiet li diga qegħdin jaħdmu f' dan il-kamp. Dawk li ħadu sehem kienu minn bosta provinċji ewropej : Italja, Germanja, Franza, Polonja, Litwanja, Sqallija, Malta, Belgju, Kroazja, Olanda, Turkija u oħrajn. Konna b' kollox 52 ruħ. Kien hemm preżenti wkoll l-Vigarju Generali ta' l-Ordni, P. F. Bravi O.F.M., li għamel id-diskors introduttiv: *L' Evangelizazzione in europa oggi. Cosa ci si aspetta dale nuove forme di Evangelizazzione.* Preżenti wkoll il-membri tad-Definitorju Generali. Il-Ministru General ma setax ikun preżenti peress li kien qed jgħamel żjara fraterna lil waħda mill-provinċji Amerikani, imma bgħat messaġġ, li nqara lil dawk kollha li ħadu sehem.

Kien hemm żewġ taħdiet importanti : P. E. Biemmi : *La catechesi in Europa: Una nuova geografia della fede per un nuovo primo annuncio del Vangelo* u l-oħra minn P. J. Freyer O.F.M., ir-Rettur tal-*Pontifico Ateneo Antonianum* ta' Ruma : *Quali elementi dal punto di vista storico maggiormente provocano un rinnovamento nell'evangelizzazione/missione dell'Ordine?*

Fil-qsim ta' l-esperjenzi u tad-diskussjonijiet li saru waqt il-laqgħat, is-sitwazzjoni tal-bosta stili ta' ħajja fil-bosta pajjiżi kienet tinħass. Dak qed jiġri ġewwa Franza (2% tal-popolazzjoni huma kattoliċi) u l-Germanja (3%) mhijiex l-istess bħall-Italja jew Malta. Hija ħaġa importanti li ngħarfu l-bżonn li nerrġgħu niskopru mill-ġdid il-karizma franġiskana għaż-żminijiet tal-lum b' ħajja evanġelika miftuħa għall-azzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu. S. Franġisk mhuwiex il-bniedem tal-passat imma huwa l-bniedem li għandu messaġġ għal-futur. Għalhekk il-ħtieġa ta' ħajja ta' talb b' mod l-aktar intensa; l-għożża tal-ħajja fraterna; ħajja aktar sempliċi, kif għandha tkun il-ħajja franġiskana, b' għażla a favur tal-foqra, b' deċizjonijiet konkreti; id-dimensjoni tal-ħajja itineranti bħala ħajjietna,li tideppendi fuq il-provvidenza divina; servizz lill-Knisja lokali fil-bżonnijiet partikulari u ftuħ għad-dimensjoni interprovinċjali u internazzjonali ta' l-Ordni. Wara dan kollu, saru xi riflessjonijiet u suġġerimenti lill-entitajiet OFM ( Provinċji/Kustodji) Ewropej u għall-Kapitlu Ġenerali, li dalwaqt se jiġi ċċelebrat. Dawn ir-riflessjonijiet se jiġu ppublikati fil-futur qarib.

# † AĦBARIJIET MILL-PROVINĊJA †

Il-Provinċjal Robert Campagna, P. Antonio Riccio ( ex-Def. Gen.) u P. Antonio Nardoianni O. F.M. kienu Malta għal ftit jiem ta' mistrieħ. P. Robert u P. Antonio huma membri tal-Provinċja *Immaculate Conception* ta' l- Istati Uniti. Il-Provinċja tagħna għandha relazzjonijiet qawwija ma' din il-Provinċja peress li l-patrijiet tagħna marru jaħdmu l-Istati Uniti, l-Honduras, l-Gwatemala u f' parroċċl Taljani ġewwa Toronto, il-Kanada, fuq talba ta' din il-Provinċja. P. Riccio bħalissa qed jieħu ħsieb l-Istudenti, li din il-Provinċja għandha ġewwa il-kunvent tagħhom ġewwa Ruma.

Fil-31 ta' Jannar il-komunita ta' Tas-Sliema ferrħet mal-Provinċjal f' egħluq sninu. Dak in-nhar ukoll ferrħet ma' P. Kamillu Aquilina O.F.M., li fil-15 tax-xahar għalaq 90 sena. Saret dak in-nhar peress li P. Kamillu ċċelebra egħluq sninu l-Isptar Mater Dei, fejn dam għal xi ftit jiem. ***Awguri***

Fl-4 ta' Frar saret laqgħa għar-reliġjużi kollha ta' Malta fl-iskola ta' S. Monika Fleur – De-Lys, fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħajja Konsagrata.

Nhar is-Sibt 7 ta' Frar, is-Sur Frans Coleiro, missier P. Martin, twieled għall-ħajja ta' dejjem biex jinqgħad mal-Mulej Rxoxt, fl' eta ta' 80 sena fl-Isptar Mater Dei. Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem u d-dawl ta' dejjem jiddi lilu.

Nhar it-8 ta' Frar wara nofsinhar , fil-Belt Valletta saret il- **Mixja Pawlina**, li fiha f' 7 knejjes tal-Belt, fosthom il-knisja tagħna ta' S. Marija ta' Gesu, in-nies setgħet tisma' katekeżi dwar l-ittri ta' S. Pawl minn esperti saċerdoti tal-Bibbja. Fil-knisja tagħna saret katekeżi minn Mons. L. Sciberras fuq l-Ittra lill-Efesin ' Id-Divinita' u l-Umanita' ta' Kristu'.

Fid-9 ta' Frar infetħet *exbihtion* ta' 46 *panels*, li juru l-ħajja u l-ħidma ta' S. Pawl, ġewwa is-sede tal-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa ġewwa l-kunvent tagħna tal-Belt. Din hija inizjattiva tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa , li diġa darret bosta pajjiżi. P. Noel għamel it-tradizzjoni mit-Taljan għall-Ingliż għall-pajjiżi tal-lingwa ingliża u P. Joseph Magro ha ħsieb l-istampar tal-kliem. *Prosit tassew !!!!!*

Fil-bidu ta' Frar P. Albert Micallef O.F.M. mar il-Kanada biex, għal xi żmien, jgħen fil-parroċċa ta' Fr. Gregory Botte O.F.M. f' Toronto.

Iċ-*CAM Productions ,* flimkien ma' l-*Edizzjoni TAU*, ħarġet għall-bejgħ l-ewwel *Audio CD* doppju dwar l-ittra ta' S. Pawl lir-Rumani. Fis-16 il-CD, barra il-qari ta' kull Ittra, se jkun hemm introduzzjoni mill-istudjuz tal-Bibbja, P. Marcello Ghirlando O.F.M. Prosit tassew ta' din l-idea'. Ara: *www.cam.com.mt*

Fit-18 ta' Frar wasal Malta P. Charles Diacono O.F.M. minn Londra u beda jgħamel parti mill-komunita' ta' Tas-Sliema. *Awguri u ben tornato !!!!!*

Fid-19 ta' Frar beda kors fuq 'Il-korrispondenza mal-Knisja ta' Korintu' mmexxi minn P. Marcello Ghirlando O.F.M.. Huwa ġie organizzat mill-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa f' din is-Sena Pawlina.

**++++++++++++++++++++++++++++++++++++++**

**FESTI** **APRIL 2009** **BIRTHDAYS**

09 Fra Walter Vassallo
23 P. George Aquilina
P. George Bugeja
25 P. Mark Enriquez
P. Mark Ciantar

01. P. Dionsiju Mintoff
02. Fra Loreto Zerafa
03. P. Twanny Chircop
04. P. Joe Bonello
07. Fra Guzepp Debono
12. P. Marcello Ghirlando
19. P. John Muscat
23. P. Guzepp Camilleri
24. Mons. Robert Camilleri

***Xewqat qaddisa*** **!!!!!!!!**

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

# L-GHID IT-TAJJEB
# LIL KULHADD

**PASQUETTA FRANGISKANA**
**13 t' April 2009**
**mill-10.00 am sas-1.00 pm**
**Monasterju S. Klara**

**WERREJ**

**Marzu 2009**


| | |
|---|---|
| Tagħrif dwar *S. Paolo fuori le Mura* | 2 |
| Taħdita tan-Nunzju Appostoliku | 3 |
| Intervista mal-Min. Gen. | 4 - 5 |
| 50 sena saċerdoti | 5 |
| Rapport ta' P. G. Bugeja O.F.M. | 6 |
| Aħbarijiet tal-Provinċja | 7 |


**L-AĦBAR**


Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 1184
Tel. 21 33 11 83
E-mail - fralex@maltanet.net


N.B. Għall-aħħar aggornamenti

**Hhtp**